# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2063

## tal-24 ta' Novembru 2016

## li tikkonferma l-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2015/2219 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat il-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Permezz ta' ittra lill-President tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 2016, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tipparteċipa fir-Regolament (UE) 2015/2219 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(2) Ma hemm l-ebda kundizzjonijiet speċifiċi marbuta mal-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament imsemmi hawn fuq u l-ebda ħtieġa għal miżuri tranżizzjonali. Il-Kummissjoni tinnota li l-Irlanda stabbiliet unità nazzjonali tas-CEPOL, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2015/2219.

(3) Jeħtieġ li l-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2015/2219 għalhekk tiġi kkonfermata.

(4) Sabiex tippermetti lill-Irlanda li tipparteċipa f'attivitajiet tas-CEPOL kemm jista' jkun malajr, jeħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2015/2219 hija kkonfermata.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

([1]) Ir-Regolament (UE) 2015/2219 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI (ĠU L 319, 4.12.2015, p. 1).